

## NIEĦDU AZZJONI

**1. Hemm ħafna azzjonijiet li nistgħu nieħdu fil-livell lokali biex niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima. Il-gvernijiet lokali għandhom rwol ewlieni biex jagħmlu l-ibliet aktar favur il-klima – komputu importanti ħafna, peress li ż-żoni urbani jammontaw għal bejn 60-80% tal-użu globali tal-enerġija u għandhom qisu l-istess sehem ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>!**

Tista' taħseb dwar xi soluzzjoni bbażata fuq ir-riskji għat-tibdil fil-klima? Dawn huma xi ftit biex tibda:

- Ġranet mingħajr l-użu tal-karozzi
- Żvilupp ta' żoni ekoloġiċi
- Binjiet reżistenti għall-klima

**2. Fl-2016, tnedja l-Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija biex tħaffef l-azzjoni klimatika fil-livell lokali mad-dinja kollha. Bħalissa għandha aktar minn 9,000 firma!**

- a. Mur fis-sit web tagħhom u sib jekk il-post li tgħix fih huwiex firmatarju. Innutajt xi miżuri speċjali li qed jittieħdu kontra t-tibdil fil-klima fil-belt tiegħek?
- b. Bħala klassi, agħmlu abbozz ta' stedina għal politiku lokali biex iżur l-iskola tagħkom. Għidulhom għalfejn intom interessati fl-azzjoni klimatika u staqsuhom biex jispjegaw xi wħud mill-politiki ewlenin tagħhom u r-raġunijiet biex jissieħbu fil-Patt (jew le). Toqogħdux tibzġħu tistaqsu ħafna mistoqsijiet!

## NIEĦDU AZZJONI

### 3. Il-bliet u l-gvernijiet jistgħu jagħmlu sa ċertu punt – INT ukoll għandek ir-responsabbiltà li tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima bħala individwu!

Agħmel tikka ħdejn id-drawwiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u salib ħdejn dawk li jagħmlu l-ħsara.

- Armi l-ikel tiegħek fil-landa taż-żibel hekk kif jilħaq id-data “uża qabel”.
- Żomm id-dwal mixgħula meta titlaq mill-kamra tiegħek jew minn darek – kif se ssib fejn toqgħod jekk jidlam aktar tard.
- Iftaħ it-tieqa meta jkollok l-apparat tat-tiġhin mixgħul matul ix-xitwa – huwa importanti li jkollok żiffa friska għaddejja.
- Ixtri frott u ħaxix eżotiku u barra l-istaġun fis-supermarket – it-tut żerq mill-pajjiżi mbiegħda għandu togħma ħafna aħjar minn dak lokali!
- Meta tixtri apparat domestiku ġdid, għid lill-ġenituri tiegħek biex jagħtu każ id-dehra u l-valur għall-flus qabel ma jqisu affarijiet oħra.
- Tista’ tpoġġi l-iskart kollu tiegħek fil-boroż taż-żibel bl-istess kulur, sakemm tkun isseparajtu għar-riċiklaġġ minn qabel.
- Armi l-apparati mobbli tiegħek fil-landa taż-żibel meta tixtri l-ġdid – id-deheb u l-merkurju ta’ ġewwa huma elementi naturali u jistgħu faċilment jiddekomponu.
- Tagħmilx kompost – l-ikel li jiddekomponi jipproduċi l-metan, li huwa ħażin għall-ħamrija.

Oops... għandek raġun, dawn KOLLHA ħżiena! Fi gruppi żgħar, ikkoreġu u iktbu mill-ġdid is-sentenzi msemmija hawn fuq biex tagħmluhom utli għal dawk li jkunu qed jippruvaw jadottaw drawwiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

Blank area for writing answers, consisting of 15 horizontal lines.